KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

/

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 40

**Il-Ħamis 21 ta' April 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 40.1 Qari tal-Apoloġiji

40.1.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mifsud kienet infurmat li probabbilment ma kinitx se tlaħħaq tattendi għal-laqgħa.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 39

40.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

40.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 39 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 40.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

40.3.1 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-Ministru Dalli dwar il-possibbiltà li jsir proġett ta' tisbiħ bejn il-Barracks. Huwa kien għaddielha l-BOQ's u l-pjanijiet li kien għamel il-Kunsill u matul il-ġimgħa li ġejja kienu se jattendu xi rappreżentanti ta' Ambent Malta biex jaraw iż-żona jiġi maqbul kif tista' titjieb. Il-Kunsill kollu qabel mal-proposta tal-Ministeru li għandha tiżdied aktar is-soft area u li l-maġġorparti taż-żona pedonali għandha tidher aktar qisha ġnien mimlija bis-siġar u l-fjuri milli żona mimlija ċnut u konkos kif inhi fil-preżent.

40.3.2 Is-Sindku informa li kien ġie mgħarraf li l-iStreet lighting kollu se jaqa' f'idejn l-Enemalta ħlief għal-lampi dekorattivi. Kien hemm qbil li t-*tender* reġjonali kien jitħaddem tajjeb u għaldaqstant din il-funzjoni m'għandhiex tittieħed minn idejn ir-reġjuni.

40.3.3 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Dr Attard kien hemm qbil li għandu jintbagħat bukkett fjuri lis-Sinjura Mifsud, omm il-Kunsillier Mifsud u l-mara tal-eks Kunsillier, minħabba li kienet qegħda l-isptar.

## 40.4 Proġett tal-Gvern Ċentrali – Ċentru Terapewtiku għal Żgħażagħ b'Imġiba Diffiċli

40.4.1 Is-SE infurmat li kellha xi kummenti negattivi mir-residenti fir-rigward tal-proġett taċ-ċentru terapewtiku minħabba li se jkun qed jieħu parti sostanzjali tal-ispazju miftuħ fiż-żona ta' Triq Alessi u anke għaliex se tkun qed tittieħed parti mis-*soft area* li hemm u minflokha se jinbena ħajt għoli li se jostakola l-veduta. Hemm ukoll xi siġar indiġeni li ilhom snin twal jikbru f'din iż-żona u li se jispiċċaw jinqalgħu biex jakkomodaw parti minn din il-binja. Dawn ir-residenti qed jitolbu lill-Kunsill biex joġġezzjona għall-binja u li huma lesti li jiffirmaw petizzjoni kontriha.

40.4.2 Is-Sindku informa li hu kien ivverifika u jidher li għalissa ma kienx hemm applikazzjonijiet dwarha. Fuq suġġeriment ta' Dr Attard kien hemm qbil unanimu li għandha tintalab laqgħa mill-Ministeru mal-membri tal-Kunsill u jekk ikun hemm bżonn, għandha ssir laqgħa oħra mal-komunità. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkomunika mas-Segretarju Permanenti dwar din il-laqgħa.

## 40.5 Vakanza għal Assistent Uffiċjal Prinċipali

40.5.1 Is-SE infurmat li kienet għamlet avviż għall-vakanza imma kienu applikaw biss żewġ persuni. Waħda minnhom ma kinitx eliġibbli filwaqt li t-tieni persuna ma kellhiex il-kwalifiċi eżatti imma kellha kwalifika ogħla minn dik mitluba. Għaldaqstant kienet talbet gwida mid-Dipartiment biex tara tistax tiġi intervistata din il-persuna. Min-naħa tad-DLG kienu infurmaw li kemm-il darba l-applikant m'għandux il-kwalifiki eżatt kif titlob is-sejħa, dan ma jistax jitqies eliġibbli.

40.5.2 Kienet staqsiet ukoll hux possibbli li ladarba ma nstabitx persuna li hija eliġibbli, jitwaqqa' l-permess u jerġa' jsir permess ġdid għal skrivan jew uffiċjal eżekuttiv.

40.5.3 Min-naħa tagħhom dawn kienu infurmaw li jekk hemm bżonn, il-Kunsill jista' jagħmel talba għal permess ieħor. Fuq talba tas-SE, kien hemm qbil li għandha tagħmel talba għal permess ġdid għal skrivan *full time*.

40.5.4 Hawnhekk is-SE infurmat li waħda mill-iskrivani kienet talbet li l-Kunsill jikkunsidra li jkun hemm il-possibbiltà li tinħoloq vakanza għall-grad ta' EO minħabba li ġo Kunsill żgħir, ma tantx hemm opportunitajiet biex wieħed javvanza. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiddiskuti u jikkunsidra din it-talba s-sena d-dieħla meta l-iskrivana li taħdem fuq 30 siegħa fil-ġimgħa tidħol lura taħdem mill-uffiċċju. Kien hemm qbil unanimu li fis-sitwazzjoni preżenti, ma kienx hemm lok li tinħareġ *call* għal vakanza għal EO.

40.5.5 Kien hemm qbil li l-Bord tal-intervisti għandu jkun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u s-SE u l-Kunsillier Dr Attard kemm-il darba jkun jista' jattendi.

## 40.6 Data għal-Laqgħa tal-Lokalità u Rapport mill-Kunsilliera

40.6.1 Is-SE infurmat li l-Kunsilli kienu obbligati li jagħmlu żewġ laqgħat għar-residenti, waħda f'Jannar u oħra fix-xahar ta' April. Il-Kunsill qabel li minħabba li l-laqgħa preċedenti kienet saret ftit tal-ġimgħat qabel biss u għaliha kienu attendew numru sabiħ ta' residenti, m'hemmx għalfejn li terġa' tinżamm oħra.

40.6.2 Sadanittant fakkret li kull Kunsillier kien obbligat li jgħaddi rapport dwar id-dekasteri tiegħu lis-SE sabiex jiġi inkluż mar-Rapport Amministrattiv. Hija infurmat li kienet bdiet taħdem fuq ir-Rapport Amministrattiv imma ma rnexxilix tlestih sa qabel il-laqgħa biex jiġi approvat. Hija infurmat li s'issa rċeviet ir-rapport tal-Kunsillier Fenech u fakkret lill-Kunsilliera l-oħra sabiex jgħaddulha r-rapport sal-aħħar tax-xahar ta' April.

## 40.7 Proġett ta' restawr tat-Torri tal-Arloġġ u bini ta' *Visitors Centre* fl-Imtarfa

40.7.1 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mal-MTIP u mal-Kultura fejn dawn infurmaw li kienu lesti li jagħtu l-għajnuna finanzjarja biex jitkompla l-proġett tal-VC.

40.7.2 Is-SE infurmat li sadanittant, kienet ġiet mgħarrfa li l-ammont li kien qed jitlob il-kuntrattur kien bil-wisq aktar agħli minn dak tas-swieq fil-preżent. Għaldaqstant, l-inġiniera tal-Kunsill ma ħassewx li għandhom jgħaddu dikjarazzjoni li qed jaqblu mal-prezzijiet li għadda l-kuntrattur. Kien hemm qbil li għaldaqstant il-kuntrattur jiġi mgħarraf li l-BoQ li għadda lis-SE bil-prezzijiet il-ġodda ma kienx se jiġi aċċettat. Kemm-il darba huwa jwaqqa' l-kuntratt min-naħa tiegħu, il-Kunsill kien se jieħu l-garanzija tiegħu u jerġa' joħroġ l-offerta għall-M&E's tal-*Visitors Centre* mill-ġdid, b'mod aċċellerat.

40.7.3 Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kuntratt tal-*Finishes* tal-*Visitors Centre*, kien bagħat BoQ bi prezzijiet ġodda skont is-suq attwali u ta *deadline* sal-aħħar ta' April biex il-Kunsill jikkunsidra li jagħmel tajjeb għal din id-differenza. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel talba mad-DLG sabiex tinġab l-approvazzjoni neċessarja biex kemm-il darba hija legalment possibbli u l-prezzijiet huma ġusti, dan il-kuntrattur jitħallas bil-prezzijiet li jirriflettu r-realtà tal-ġurnata ladarba huwa fatt magħruf li ċertu materjal kien hemm żieda sostanzjali fuqu. Kemm-il darba din ma tiġix aċċettata u l-kuntrattur iwaqqa' l-offerta tiegħu, hija kellha tibda proċess aċċellerat biex terġa' tinħareġ din l-offerta wkoll.

## 40.8 Kommunikazzjoni min-naħa tas-Sindku, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

40.8.1 Is-Sindku informa li kien hemm diskussjoni dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied fejn kien hemm qbil li għandha tibqa' l-iskema ta' €2000 għal kull Kunsill biex jintefqu fuq dekorazzjonijiet varji u minbarra hekk ir-Reġjun se jgħaddi żewġ motifs lil kull Kunsill (*logo* tal-kunsill u ieħor tar-reġjun).

40.8.2 Is-Sindku informa li r-Reġjun kien qed jipproponi li jkollu *Health and Safety Officer* biex jagħti servizz fir-reġjun. Is-SE infurmat li kienet bdiet ir-rapport biex tgħaddih lir-Reġjun.

40.8.3 Is-Sindku informa li r-Reġjun se jkun qed jixtri *garden shredder* u se jkun hemm sistema kif wieħed jibbukkjaha biex jagħmel użu minnha.

40.8.4 Is-Sindku informa li kien se jiġi organizzat Festival ta' nar u baned u għalkemm fl-Imtarfa ma kienx hemm banda, kien hemm qbil li xorta waħda jingħata servizz f'din il-lokalità minn xi banda oħra. Il-Kunsill kollu laqa' din l-aħbar b'entużjażmu.

40.8.5 Is-Sindku informa li kien se jiġi organizzat Festival tan-*nurseries* tal-futbol min-naħa tar-Reġjun. Huwa kien għamel kuntatt man-nursery tal-Imtarfa imma dawn ma kinux urew interess li jipparteċipaw.

## 40.9 Punti Oħra

40.9.1 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Dr Daniel Attard, kien hemm qbil li minħabba l-ġimgħa suċċessiva kien Jum l-Imtarfa u fid-dawl li l-Imtarfa FC kienu għadhom kif rebħu l-kampjonat tal-futbol u telgħu fiċ-Challenge League, il-Kunsill għandu jagħti l-unur ta' Ġieħ l-Imtarfa lis-Sur Angelo Borg, il-President tal-klabb. Il-Kunsill kollu qabel b'mod unanimu.

40.9.2 Il-Kunsillier Dr Attard fakkar dwar il-kwistjoni tal-pont u l-kostruzzjoni tar-rawndebawt. Is-Sindku informa li kien bagħat kommunikazzjoni kemm lill-Ministru Ian Borg qabel l-elezzjoni kif ukoll lill-Ministru Aaron Farrugia.

40.9.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Dr Attard dwar il-*crash barriers*, *zebra crossings*, eċċ fil-bypass, is-SE infurmat li kienet intbagħatet kommunikazzjoni imma kienu għadhom ma sarux.

40.9.4 Is-SE infurmat li qabel il-laqgħa kienet inżammet laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid tal-iskart kif ukoll mal-kuntrattur tal-knis.

40.9.5 Is-SE infurmat li kienet saret diskussjoni bejnha, il-librara u l-Kap Eżekuttiv tad-Depiro Basketball Club sabiex it-tfal tas-*summer school* jibdew ikollhom sessjoni ta' qari fil-librerija tal-Imtarfa fuq bażi ta' tlett darbiet fil-ġimgħa. Bħala ringrazzjament, dawn kienu lesti li jagħmlu donazzjoni ta' kotba lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

40.9.6 Is-SE infurmat li x-xogħol fi Sqaq Alessi kien kwazi lest. Il-bankina u t-tieni kisja asfalt kienu tlestew u kien fadal li jitpoġġew xi dwal u bankijiet ġodda.

40.9.7 Is-SE infurmat li l-għada l-Ġimgħa kien hemm *fun walk* u *open day* f'Dar Kenn għal Saħħtek. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera biex possibbilment jattendu.

40.9.8 Is-SE infurmat ukoll li d-Depiro kienu ħarġu bl-idea li tiġi organizzata attività sportiva nhar is-Sibt 28 ta' Mejju fejn inkun hemm l-inklużjoni tal-entitajiet kollha lokali, kif kien diġà ħabbar is-Sindku fil-laqgħa preċedenti. Għaldaqstant kienet għaddiet kommunikazzjoni lill-entitajiet kollha sabiex tiġi diskussa u jinfurmaw lura jekk jitħajrux jipparteċipaw b'xi mod. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera biex iżommu l-ħin tal-attività liberu biex jattendu u biex iħeġġu lir-residenti jipparteċipaw.

40.9.9 Is-SE infurmat li l-iskips li qegħdin faċċata ta' Angelo Store fi Triq l-Imtarfa issa kienu qed jostakolaw il-bankina għaliex minħabba li kienu qed jaħdmu mill-għalqa dawn tressqu aktar lejn il-ġenb. Hija staqsiet jekk hux il-każ li dawn jitneħħew. Wara diskussjoni kien hemm qbil li sakemm dawn qed jintużaw tajjeb, m'hemmx raġuni valida għaliex għandhom jitneħħew u għaldaqstant intalbet tikteb lura lil sid l-għalqa (li kien kiteb b'mod uffiċjali biex dawn jitneħħew minn quddiem il-proprjetà tiegħu) li l-Kunsill mhux jaqbel mat-talba tiegħu u li huwa għandu jieħu ħsieb li jnaddaf l-għalqa u jtella' ħajt pulit minflok iċ-*chicken wire* li hemm bħalissa.

40.9.10 Hawnhekk kien hawn diskussjoni fir-rigward tas-siġra li nqalgħet u l-oħra li kienet tħalliet biss fuq iz-zokk. Is-SE infurmat li s-siġra li kienet inqalgħat kienet issa fi proprjetà privata u għaldaqstant l-ERA setgħet toħroġ il-permess direttament lil sid l-art però fil-każ tas-siġra l-oħra, din kienet għadha fuq proprjetà pubblika u li l-Kunsill fl-ebda ħin ma kien ġie kkonsultat dwarha. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil din il-persuna u titlobha biex tivverifika mal-ERA hux possibbli li issa li din is-siġra nżabret b'mod tant drastiku, tistax titneħħa u minflokha dan ir-resident jintalab jagħmel siġra oħra taż-żebbuġ bħalma se jħawwel ħdejha, fuq l-istess bankina.

40.9.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni lura mingħand il-Professur Torpiano fejn ikkonferma li Din l-Art Ħelwa kienet lesta li tgħin lill-Kunsill imexxi l-VC permezz ta' numru ta' voluntiera.

40.10.11 Is-SE infurmat li minħabba li ġie nnutat li l-*outline application* tal-Knisja kienet qed turi li l-parkeġġi ta' taħt it-triq kienu jmorru oltre mill-proprjetà tal-Knisja, kienet daħħlet ittra mal-Awtorità tal-Ippjanar biex ikun hemm rappreżentanza mill-Kunsill waqt id-diskussjonijiet.

40.10.11 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni mingħand resident dwar il-linji li saru mill-kuntrattur ta' TM fi Triq Konti Salv Manduca. Kienet se tipprova tmur fuq il-post biex tifhem din il-problema.

## 40.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

40.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 04/2022), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 40.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

40.12.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:35pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta' Mejju 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv